SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 38/K8/17

Data tal-laqgħa: 19 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (2)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 6551/2017)
Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg (Inc. 6584/2017)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

38.1.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro irringrazzja lill-Kunsill ta' l-attendenza għal-funeral u s-soliderjeta' li ingħatat mal-familja Montanaro għat-telfa tat-tifel tiegħu.

38.1.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsilliera Rita Dimech Portell talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

38.1.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy wasal fl-16.40p.m.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

38.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 37/K8/17 għall-approvazzjoni.

38.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li ssir korrezzjoni f'item 37.7.01 li għandu jiżdied li hu għamel proposta li lest isib *sponsor* min-naħa tiegħu sabiex jitħallas l-irħam fir-rigward l-bust.

38.2.03 Il-Kunsillier Edgard Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 37/K8/17 bil-korrezzjoni li saret.

38.2.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondah bil-korrezzjoni li saret.

38.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

38.2.06 Tqajjem il-punt dwar xi żvilluppi kien hemm dwar l-ATM li kellha ssir ġewwa Ta' Ġiorni, is-Sergetarju nforma lill-Kunsill li għandha titneħħa t-*telephone booth* li hemm u kif din titneħħa ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-ATM.

38.2.07 Tqajjem il-punt fir-rigward Ġnien Spinola, fejn iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kellu *onsite meeting* mal-*Malta Tourism Authority* li kienu lesti jħallsu u jagħmlu x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sistema tad-dawl u xogħol ieħor ta' l-irranġar ta' l-konki, filwaqt li x-xogħol tal-gym u playing area ser isir mill-fondi tal UIF.

38.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt jekk kienx hemm żvillupi fir-rigward it-tindif tal-*culverts* minħabba li s'issa dawn għadhom ma sarux. Iċ-Ċermen infurmah li kien instab kuntrattur u l-Kunsill għadu qiegħed jistenna min-naħa tiegħu sabiex tingħata kwotazzjoni għat-tindif ta' dawn il-*culverts*.

38.2.09 Fir-rigward il-bust ta' Ġuze Tanti, iċ-Ċermen kellem lil Victor Tanti u għandhom imorru flimkien biex jaraw il-qies tal-parti tal-irħam tal-bust, sabiex wara tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-MEPA.

**38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

38.3.01 Iċ-Ċermen informa li fir-rigward it-twinning ma' Kunszentmiklos intbagħtu l-inviti, fejn nhar il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017, ser isir l-iffirmar tat-twinning fis-6.00p.m. ġewwa l-Intercontinental Hotel filwaqt li l-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2017 ser issir ikla uffiċċjali mar-rappreżentanti ġewwa La Maltija Restaurant fit-8.00p.m.

38.3.02 Iċ-Ċermen ressaq proposta li ngħata mill-Perit Demicoli ghar-refurbushing tal-Pjazza Qalb ta' Ġesu u ż-żona ta' Spinola. Kien hemm qbil sabiex dan il-proġett isir flimkien fejn min-naħa tal-Kunsill il-fondi joħorġu mill-UIF.

**38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

38.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**38.5 Talbiet żgħar;**

**38.5.01 Email mingħand is-Sur Daniel Ciappara għall-stedina mill-Onor. Silvio Parnis biex jintbagħtu s-suġġerimenti tal-Kunsilliera (Inc. 5987/17)**

38.5.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Daniel Ciappara għal stedina mill-Onor. Silvio Parnis. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsilliera għandhom jippreparaw l-ideat tagħhom u jgibuhom magħhom għal-laqgħa li jmiss sabiex jintbagħtu l-ideat min-naħa tal-Kunsill.

**38.5.02 Email mingħand l-Onor. Robert Cutajar dwar ittra ta' introduzzjoni (Inc. 6087/17)**

38.5.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Onor. Robert Cutajar dwar ittra ta' introduzzjoni. Is-Segretarju spjega li min-naħa tagħna konna diġa' bagħtna risposta għall-email tiegħu iżda ser nerġgħu nibagħtu email oħra fejn il-Kunsill lest li jiltaqa' miegħu.

**38.5.03 Email mingħand l-Arċidjoċesi ta' Malta dwar it-talba ta' monument hdejn iz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi (Inc. 6093/17)**

38.5.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Arċidjoċesi ta' Malta dwar it-talba ta' monument ħdejn iz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen għandu jiltaqa' mal-Kappillan fuq il-post sabiex jiġi diskuss fejn ser isir dan il-monument.

**38.5.04 Email mingħand is-Sur Julian Pace Bonello f'isem l-Kumitat Olimpiku Malti dwar MOC Sports Awards 2017**

38.5.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Julian Pace Bonello f'isem l-Kumitat Olimpiku Malti dwar MOC Sports Awards 2017. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma kellu l-ebda attivita' simili fir-rigward din il-materja.

**38.5.05 Email mingħand is-Sur Rodnick Abdilla f'isem it-Transport Malta dwar it-talba għal laqgħa magħhom. (Inc. 6140/17)**

38.5.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Rodnick Abdilla f'isem it-Transport Malta dwar it-talba għal laqgħa magħhom. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ser ikelmu iċ-ċermen min-naħa tiegħu.

**38.5.06 Ittra mingħand l-Ombudsman rigward l-aħħar deċiżjoni fuq xogħolijiet fi Triq B'Kara. (Inc. 6249/17)**

38.5.06.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Ombudsman rigward l-aħħar deċiżjoni fuq xogħolijiet fi Triq B'Kara. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-materja ttellgħet ukoll fuq facebook.

**38.5.07 Email mingħand is-Sur Ray Abela TCTC rigward EM CITIZIEN & EM HEALTH (Inc. 6398/17)**

38.5.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ray Abela TCTC rigward EM CITIZIEN & EM HEALTH. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ser ikellmu ċ-ċermen min-naħa tiegħu.

**38.5.08 Email mingħand il-Viċi Sindku Albert Buttigieg dwar The Palms Development (Inc. 6416/17)**

38.5.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar The Palms Development. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li għandha ssir l-laqgħa mar-residenti u din ser ssir nhar il-Erbgha 1 ta' Novembru 2017 ġewwa l-Iskola Primarja ta' San Ġiljan fis-6.00p.m. Ser tinħareġ ċirkulari fuq il-

gazzetta u tintbagħat ittra lir-residenti biex jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill kien qiegħed jaqbel li ssir oġġezzjoni fuq dan l-iżvilupp.

38.5.09 Is-Segretarju qiegħed jipproponi li tinbidel is-sistema tat-*telephones* u ssir bil-PABX, is-Segretarju tkellem mal-GO u gab package sabiex tiġi rranġata din is-sistema. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

38.5.10 Is-Segretarju ressaq email li rcieva mingħand is-Sinjura Svetlana Curmi fir-rigward iċ-ċekkijiet li kienu ħarġu għar-rifużjoni fir-rigward il-Festa ta' San Patrizju.

38.5.11 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul informa lill-Kunsill li kien għamel kuntatt ma' xi żgħażagħ minn Avellino. Il-Kunsill qabel li għandna niżvillupaw dawn il-kuntatti għal skop li jsir ġemellaġġ.

**38.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

38.6.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 29/KA2/17, 29a/KA2/17, 30/KA2/17, 31/KA2/17, 32/KA2/17 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2017;**

38.07.01 Saret riferenza għar-rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2017. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni u r-rapport finanzjarju ġie approvat.

**38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

38.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

38.8.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

38.8.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

**38.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

38.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4286 sa 4301.

38.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**38.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

38.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Novembru 2017 fl-4.00p.m.

38.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 23 ta' Novembru 2017